**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Doriette Cuschieri]**

**vs**

**Shaun Michael Bartolo**

**Kumpilazzjoni Numru: 824/15**

**Illum, 16 ta' Ottubru, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Shaun Michael Bartolo detentur tal-karta tal-identita` numru 184285M:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited u/jew Malta Public Transport.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati ghall-akkuza kif dedotta kontrih.

Rat l-ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, fi stadju bikri tal-proceduri.

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 18, 293, 294, 310(1)(a), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u stante li l-imputat hallas pjenament ghas-saldu ta' kull pretensjoni u stante li l-fedina penali hija wahda netta ssib lill-imputat Shaun Michael Bartolo hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat Shaun Michael Bartolo, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**